# L-Istabbilimenti ta’ Akkomodazzjoni Kollettiva: K3/2024

NR 222/2024 Data tal-Ħruġ: 25 ta’ Novembru 2024

*Fit-tielet kwart tal-2024, l-għadd kollu ta’ persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbilimenti ta’ akkommodazzjoni kollettiva laħaq is-724,402, filwaqt li l-għadd kollu tal-iljieli mqattgħin kien ta’ 3,645,988.*



Fit-tielet kwart tal-2024, il-biċċa l-kbira ta’ dawn l-iljieli kienu mgħoddijin f’lukandi ta’ erba’ stilel b’47.9 fil-mija tal-għadd sħiħ (Tabella nru 2).

Meta mqabbel mal-istess perjodu ta’ sena qabel, it-tul medju ta’ dawn iż-żjajjar fl-istabbilimenti ta’ akkomodazzjoni kollettiva żdied għal 5.0 iljieli. L-użu nett ta’ sodod kien ta’ 80.6 fil-mija, żieda ta’ 2.4 punti perċentwali meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2023 (Tabella nru 3).

F’Settembru li għadda, f’pajjiżna kien hawn 323 stabbiliment ta’ akkomodazzjoni kollettiva, li bejniethom kellhom 21,403 ikmamar tas-sodda u 49,093 sodda (Tabella nru 4).

**Analiżi tar-reġjuni**

Fit-tielet kwart tal-2024, l-għadd sħiħ ta’ persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbiliment ta’ akkomodazzjoni kollettiva f’Malta kien ta’ 685,396, li huwa żieda ta’ 10.3 fil-mija fuq l-istess perjodu ta’ sena qabel. Kien hemm ukoll żieda ta’ 12.2 fil-mija fl-għadd ta’ ljieli mqattgħin sabiex dawn laħqu t-3,513,671. F’Għawdex u Kemmuna, il-persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbiliment ta’ akkomodazzjoni kollettiva żdiedu bi 3.3 fil-mija sabiex laħqu d-39,006, filwaqt li l-iljieli li għamlu żdiedu bi 3.5 fil-mija sabiex laħqu l-132,317 (Tabelli nri 1 u 2).

Meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena ta’ qabel, it-tul medju taż-żjajjar f’Malta żdied bi ftit għal 5.1 iljieli. F’Għawdex u Kemmuna it-tul medju taż-żjajjar baqa’ 3.4 ljieli. F’Malta, l-użu nett ta’ sodod żdied b’2.5 punti perċentwali sabiex laħaq 81.3 fil-mija, filwaqt li dak f’Għawdex u Kemmuna naqas b’0.8 punti perċentwali u laħaq l-64.9 fil-mija (Tabella nru 3).

**Jannar-Settembru 2024**

Fl-ewwel tliet kwarti tas-sena 2024, l-għadd sħiħ ta’ persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbiliment ta’ akkomodazzjoni kollettiva laħaq il-1,923,082, li hija żieda ta’ 12.8 fil-mija meta mqabbel mal-istess żmien ta’ sena qabel (Tabella nru 1). It-total ta’ ljieli mqattgħin żdied bi 13.8 fil-mija u laħaq it-8,647,791 lejl (Tabella nru 2). L-użu nett tas-sodod żdied bi 2.2 punti perċentwali sabiex laħaq is-66.8 fil-mija (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. L-għadd sħiħ ta’ persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbilimenti ta’ akkomodazzjoni kollettiva u l-għadd ta’ ljieli mqattgħin

